# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 452/2016**

**Il-Pulizija**

**vs.**

***OMISSIS***

Illum 13 ta' Frar 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra l-appellant ***OMISSIS***, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru *OMISSIS*, akkużat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'dawn il-Gżejjer, fis-16 ta' Jannar 2015 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti magħmulin minnu ukoll jekk fi żminijiet differenti u li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda:

1. ipparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taħt l-eta' u ċioè *OMISSIS* (I.D. Nru. *OMISSIS*);

2. fl-istess ċirkostanzi b'għemil żieni ikkorrompa lil *OMISSIS* (I.D. Nru. *OMISSIS*) minuri ta' sbatax (17)-il sena;

3. fis-16 ta' Jannar 2015 u fix-xhur u snin ta' qabel bħala persuna f'Malta, għamel jew ipproduċa jew ippermetta li jiġi magħmul jew prodott xi materjal indeċenti jew ipproduċa, qassam, xerred, importa, esporta, offra, biegħ, issupplixxa, ittrasmetta, għamel disponibbli, akkwista għalih innifsu jew għal ħaddieħor, jew wera dak il-materjal indeċenti ta' persuni ta' taħt l-eta';

4. fis-16 ta' Jannar 2015 u fix-xhur u snin ta' qabel akkwista, xjentement akkwista aċċess permezz ta' teknoloġiji ta' informazzjoni u komunikazzjoni għal, jew kellu fil-pussess tiegħu, xi materjal indeċenti li juri, jagħti stampa ta' jew jirrappreżenta xi persuna ta' taħt l-eta'.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, minbarra li tinfliġġi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna lill-imputat sabiex iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra tal-esperti, jekk ikun il-każ, kif provdut f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, titratta mal-imputat bħala reċidiv u dan wara li ngħata diversi sentenzi mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistgħux jiġu mibdula.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tat-30 ta' Settembru 2016 fejn il-Qorti, filwaqt li ddikjarat l-proċediment eżawriet fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat u astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha u dana minħabba r-rinunzja da parti tal-*parte civile OMISSIS*, wara li rat l-Artikoli tal-Liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tat-28 ta' Settembru 2015 u senjatament Artikoli 17, 18, 31, 49, 50, 204C(1) u 208A(1)(1B)(2) u (7) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u trattat miegħu bħala

reċidiv u kkundannatu erba' (4) snin priġunerija. B'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti sabiex iħallas lill-istess Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' elf, tmien mija u tlieta u tmenin Euro u sebgħin ċenteżmu (€1,883.70) liema ammont jirrappreżenta l-ispejjeż konnessi mal-ħatra ta' esperti f'dan il-każ. B'applikazzjoni ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat l-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għall-perjodu ta' sentejn minn dakinhar li ngħatat is-sentenza fejn il-persuni protetti huma *OMISSIS* u ommha *OMISSIS* u dan skont il-kondizzjonijiet indikati fid-digriet anness mas-sentenza. Wara li rat Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-imputat jitniżżel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u għal dan il-għan ordnat li kopja tas-sentenza tiġi komunikata lill-imsemmi Reġistratur.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fil-11 ta' Ottubru 2016 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: *"jogħġobha tvarja s-sentenza mogħtija nhar it-30 ta' Settembru 2016 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. OMISSIS** billi filwaqt li tikkonfermaha f'dik il-parti li lliberatu mill-akkuża numru 2, tikkonfermaha wkoll f'dik il-parti fejn sabitu ħati tal-akkużi mmarkati bin-numri 1, 3 u 4, tvarjaha f'dik il-parti fejn ikkundannatu għal terminu ta' erba' snin priġunerija effettiva u fejn ordnat il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni fit-termini tal-Artikolu 412Ċ tal-Kodiċi Kriminali u konsegwentement tipprovdi għal piena aktar mita u idoneja fiċ-ċirkostanzi."*

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tas-16 ta' Jannar 2024, lill-konsulenti legali jagħmlu sottomissjonijiet ulterjuri bil-fomm u dana b'żieda ma' dak li kien diġa' ngħad quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fit-30 ta' Settembru 2016.

Illi l-fatti li wasslu lill-appellant allura imputat jiġi mixli quddiem l-Ewwel Qorti kienu s-segwenti: waqt li kienu fuq ronda fid-daħla tal-White Rocks, Baħar iċ-Ċagħaq, il-Pulizija nnutaw vettura li fil-fehma tagħhom kienet suspettuża minħabba li fiha kien hemm raġel (*ossia* l-appellant) u tfajla (il-*parte civile OMISSIS*) u kien jidher li kien hemm differenza kbira fl-eta' bejniethom. Wara li saru l-verifiki neċessarji rriżulta li l-appellant kien magħruf mal-Pulizija għal dawn l-affarijiet u għalhekk ittieħdu t-tnejn id-*depot* tal-Pulizija. Irriżulta li l-*parte civile* u l-appellant kienu ilhom f'relazzjoni flimkien u minn verifiki ulterjuri nstab li omm il-*parte civile* kienet għamlet rapporti f'dan ir-rigward. Il-*parte civile* nfurmat lill-Pulizija li l-appellant kien ukoll għaddielha basket b'*dvds* li seta' kellhom ukoll pornografija tal-minuri.

Illi għal kull buon fini jingħad li quddiem l-Ewwel Qorti l-*parte civile* għażlet li tirrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-appellant allura imputat bil-konsegwenza li l-Ewwel Qorti ddikjarat il-proċediment eżawriet fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni u dana sar wara li qieset ir-rinunzja tal-*parte civile* u wara li rat li ma rriżultax li saru xi atti f'post pubbliku jew espost għall-pubbliku. Għandu jingħad ukoll li quddiem din il-Qorti kif preseduta l-*parte civile* mhux talli reġgħet ikkonfermat bil-ġurament tagħha li kienet qed tirrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-appellant talli xehdet li minnu kellha tlett itfal. Miċ-ċertifikati tat-twelid ta' dawn it-tlett itfal, li din il-Qorti ordnat

lill-*parte civile* teżebixxi, jirriżulta li uffiċjalment il-*parte civile* u l-appellant huma l-ġenituri ta' tnejn minnhom.

**Ikkunsidrat**

Ir-Rikors tal-Appell:
Illi mir-Rikors tal-appell tal-appellant jirriżulta li l-*gravam* sottopost għal ġudizzju ta' din il-Qorti jikkonċerna l-piena erogata mill-Ewwel Qorti. Fir-Rikors tal-appell tiegħu, l-appellant jirrikonoxxi li l-azzjonijiet tiegħu għandhom iwasslu għal forma ta' sanzjoni għaliex jirrikonoxxi s-serjeta' tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tiegħu anke jekk dak li seħħ bejnu u bejn il-*parte civile* kien kollu konsenswali u minn naħa l-oħra jisħaq li fiċ-ċirkostanzi l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda eċċessiva. Jisħaq li s-sentenza appellata kienet ftit li xejn motivata fir-rigward tal-piena erogata u skont hu ftit wieħed jista' jsegwi r-raġunament ta' kif ġiet ikkalibrata l-piena nflitta. Jisħaq li r-relazzjoni bejnu u l-*parte civile* kienet waħda aċċettata mill-familji tal-partijiet. Jisħaq ukoll li l-Ewwel Qorti kellha d-diskrezzjoni li timponi piena aktar mita milli dik li tat u dana fuq l-iskorta ta' dak imsemmi minnu fejn għalkemm ma jiskolpawhx, xorta waħda jemmen li kellhom jitqiesu l-fatturi li jimmitigaw l-azzjonijiet tiegħu fil-konfront tal-*parte civile*. Jargumenta li l-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront tal-*parte civile* kienet altru milli eċċessiva minħabba li l-*parte civile* hija omm maġġorenni u hija omm iben l-appellant. Jgħid li mis-*Social Inquiry Report* redatt fil-konfront tiegħu jirriżulta li huwa persuna ta' kondotta tajba li minkejja l-fedina penali tiegħu hija kemmxejn voluminuża jirriżulta li r-reati huma kważi relatati mat-traffiku, li huwa persuna li minkejja d-diffikultajiet tiegħu li jżomm kuntatt ma' uliedu u li m'għandux vizzji ta' xorb jew droga.

Sottomissjonijiet:
Illi fis-sottomissjonijiet bil-fomm mismugħa quddiem din il-Qorti, kemm dik diversament preseduta u kif ukoll dik kif preseduta, il-konsulent legali tal-appellant tirreferi għal Att Numru XIII tas-sena 2018 fejn fost l-emendi li saru hemm riduzzjoni fl-eta' tal-kunsens għal sittax (16)-il sena. Għalhekk l-appellant jisħaq li r-

relazzjoni sesswali li kellu mal-*parte civile* ma għadhiex reat. Jisħaq li konsegwentement huwa għandu jibbenefika minn dan il-vantaġġ bil-konsegwenza li għandu jiġi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni.

Illi dwar it-tielet (3) imputazzjoni l-appellant jgħid li minkejja li l-espert qal li n-nisa li kien hemm fuq il-komputer żgur li kienu taħt it-tmintax (18)-il sena ma hemmx prova oġġettiva ta' dan u jista' jkun li xi tfajliet ikunu għadhom kemm għalqu t-tmintax (18)-il sena. Jispjega li hemm *cartoons* ta' żewġt itfal li fil-fehma tiegħu lanqas jistgħu jitqiesu bħala pornografija. Dwar il-*video* tal-*parte civile* huwa jgħid li din kellha sbatax (17)-il sena u li għalhekk huwa għandu jiġi liberat. Jisħaq li għandu japplika l-istess raġunament li ngħad fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni wara d-dħul fis-seħħ ta' Att Numru XIII tal-2018 u dana minkejja li dan l-Artikolu ma jagħmilx riferenza għall-artikolu tal-liġi li minnu toħroġ it-tielet (3) imputazzjoni pero' jsostni li hemm din l-inferenza. Rigward ir-raba' (4) imputazzjoni l-appellant jgħid li għandu japplika l-istess raġunament li qal fir-rigward tat-tielet (3) imputazzjoni.

Illi minn naħa tiegħu l-Avukat Ġenerali jargumenta li meta bdiet ir-relazzjoni bejn l-appellant u l-*parte civile* din kellha anqas minn sittax (16)-il sena. Dwar it-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni, l-Avukat Ġenerali jgħid li dak imsemmi fihom ma gawdiex mill-emendi li saru permezz ta' Att Numru XIII tal-2018 u għalhekk skont hu l-eta' li jorbtu magħhom baqgħet dik ta' tmintax (18)-il sena.

**Ikkunsidrat**

Illi minkejja li l-gravam imsemmi fir-Rikors tal-appell tal-appellant huwa relatat mal-piena hekk kif erogata mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti għandha tqies dak li seħħ b'Att Numru XIII tal-2018 u dana biex jiġi kkunsidrat dak imsemmi mill-appellant fis-sottomissjonijiet tiegħu quddiem din il-Qorti, kemm dik kif preseduta u kif ukoll dik diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi permezz tal-ewwel (1) imputazzjoni l-appellant allura imputat ġie mixli *ai termini* ta' Artikolu 204Ċ(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Kif jgħid l-appellant, permezz ta' Att Numru XIII tal-2018 l-eta' tal-kunsens tnaqqset għal sittax (16)-il sena. Mill-atti proċesswali u b'mod partikolari miċ-ċertifikat tat-twelid tal-*parte civile* (Dok. "AD 1" – *a fol.* 217) jirriżulta li l-*parte civile* twieldet fit-12 ta' Settembru 1997.

Illi din il-Qorti tinnota li meta fiċ-ċitazzjoni (*a fol.* 2 *et seq.*) l-appellant allura imputat ġie akkużat li pparteċipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taħt l-eta' saret riferenza għas-16 ta' Jannar 2015 u għax-xhur ta' qabel. Jiġi ssottolineat li fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni, fiċ-ċitazzjoni ma jissemmewx il-kliem *"u fis-snin ta' qabel"* pero' *"u fix-xhur ta' qabel"*. Dan ifisser li jekk wieħed jieħu d-data tas-16 ta' Jannar 2015 jirriżulta li dakinhar il-*parte civile* kella sbatax (17)-il sena u erba' (4) xhur u jekk wieħed, in pessima ipoteżi jieħu d-data tas-16 ta' Jannar 2014 jirriżulta li dakinhar il-*parte civile* kellha 'l fuq minn sittax (16)-il sena. Tenut kont ta' dan u meħud in konsiderazzjoni tal-mod kif inhi redatta l-ewwel (1) imputazzjoni jirriżulta li l-*parte civile* kienet diġa' għalqet is-sittax (16)-il sena fir-rigward tal-imputazzjoni imsemmija, bil-konsegwenza li llum l-agir tal-appellant fir-rigward tal-istess imputazzjoni ma jistax jitqies bħala wieħed illegali u dana minħabba Att Numru XIII tal-2018. In vista ta' dan, l-appellant għandu jibbenefika minn din l-emenda li hija favur tiegħu u b'hekk hu ser jiġi liberat mill-ewwel (1) imputazzjoni addebitata fil-konfront tiegħu.

Illi fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni, din il-Qorti tagħmel riferenza għal dak li qalet l-Ewwel Qorti fir-rigward tagħhom fis-sentenza tagħha u tagħmlu tagħha. Apparti dan, din il-Qorti tirreferi wkoll għal dak li l-istess espert tal-informatika Kurt Mahoney qal rigward is-*cd* li ngħataw mill-appellant lill-*parte civile.*

Illi fir-rapport tiegħu (Dok. "KM 1" – *a fol.* 51 *et seq.*) l-espert Kurt Mahoney ikkonkluda s-segwenti (*a fol.* 59):

"Iż-żewġ (2) konklużjonijiet huma hekk kif ġejjin:

1. Dok. JB 1 kien fih 358 ritratti/stampi. Ħames ritratti diġà kienu fid-*database* ta' DHS-ICE li huwa ġabra ta' iktar minn 700,000 IIOC jew suspettati li huma IIOC. Dawn ir-ritratti flimkien ma' ritratti/stampi oħra li l-esponent jaħseb li juru IIOC huma nklużi fl-ispoll tal-14-il paġna ssiġġillat fl-envelop mehmuż ma' dan ir-rapport. Il-*files* l-oħra, fosthom materjal pornografiku (adulti 18+), huma fl-ispoll ta 213-il paġna *back-to-front* wara dan ir-rapport.

2. Dok. JB 2 huwa l-*movie* "Girl Play" (2004), li jidher li huwa *pirated copy*. Aktar dettalji dwar dan il-*movie* jistgħu jinkisbu mis-sitt elettroniku ta' IMDB: [...]."

Illi l-espert jasal għal konklużjoni dwar Dok. "JB 1" minħabba li r-ritratti viżivament jidhru ta' nisa ferm żgħar fl-eta' kif ukoll minħabba li kif jispjega (*a fol.* 57): *"Ħames (5) files li kienu fuq Dok JB 1 ġew immarkati li kienu wkoll fil-DHS-ICE hash-set."*

Illi meħud in konsiderazzjoni dak li ngħad hawn fuq fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni, din il-Qorti, wara li għamlet analiżi viżwali tar-ritratti li jirriżultaw fl-atti proċesswali, hija tal-fehma li l-Ewwel Qorti setgħet raġonevolment tasal għal konklużjoni li waslet għaliha fir-rigward tal-imputazzjonijiet imsemmija. Għandu jingħad li minn imkien ma jirriżulta li Att Numru XIII tal-2018 għandu japplika fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni kif jisħaq l-appellant. Din il-Qorti ma taqbilx mal-appellant li tista' ssir dik li huwa jsejjaħ bħala inferenza. Kieku l-leġislatur ried li Att Numru XIII tal-2018 ikun japplika wkoll għall-artikoli li minnhom jemanu t-tielet (3) u r-raba' (4) imputazzjoni, kieku kien jagħmel emenda f'dak is-sens fl-artikoli tal-liġi in kwistjoni. Konsegwentement, dak imsemmi

mill-appellant fis-sottomissjonijiet tiegħu fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni ma jsib l-ebda sostenn minn din il-Qorti.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena erogata mill-Ewwel Qorti din il-Qorti tinnota li huwa stabbilit b'mod kopjuż fil-ġurisprudenza nostrana illi bħala regola qorti ta' revizjoni ma tirrimpjazzax il-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – ċioè din il-Qorti – kienet tagħti f'dawk iċ-ċirkostanzi, kemm-il darba ma jkunx jirriżulta li l-piena mogħtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*". Dan ingħad, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) fil-25 ta' Awwissu 2005 fil-kawża fl-ismijiet **The Republic of Malta vs. Kandemir Meryem Nilgum et** (Numru 9/2004).

Illi l-Qorti tagħmel riferenza wkoll għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]
>
> 11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha. […] Biex l-appell jirnexxi, kien meħtieġ li l-appellant juri li l-piena mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati kienet toħroġ barra mill-parametri tal-piena jew miżuri applikabbli għall-każ. Din il-Qorti ma tinterferix ma' pieni li ma jkunux jidhru li huma żbaljati fil-prinċipju, għalkemm ikunu jidhru li huma pieni ħorox għal xi Ġudikanti. Biex piena mogħtija

> minn Qorti tal-Ewwel Istanza tkun tista' tiġi mibdula jrid jiġi pruvat li kien hemm xi żball fil-prinċipju wara l-emanazzjoni ta' dik il-piena."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak li ġie ċċitat hawn fuq u tagħmlu tagħha. Meħud in konsiderazzjoni dak li għadu kemm ingħad, din il-Qorti trid tieħu in konsiderazzjoni wkoll dak li ngħad aktar 'il fuq f'din is-sentenza fejn minħabba f'dak li ngħad fir-rigward ta' Att Numru XIII tal-2018 fir-rigward tal-ewwel (1) imputazzjoni ser ikun hemm temperament fil-piena erogata mill-Ewwel Qorti u dana peress li din il-Qorti ser tillibera lill-appellant allura imputat mill-imputazzjoni msemmija

Illi b'hekk jonqos biss il-piena fir-rigward tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni, liema imputazzjonijiet jirrigwardaw Artikoli 208A(1) u 208A(1B) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta. Filwaqt li Artikolu 208A(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi għal piena ta' priġunerija minn tnax-il xahar sa ħames snin, Artikolu 208A(1B) jipprovdi għal piena ta' mhux iżjed minn tliet snin priġunerija.

Illi dwar il-piena li għandha tiġi erogata fil-konfront tal-appellant din il-Qorti hija tal-fehma li għandhom jiġu kkunsidrati, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- is-*Social Inquiry Report* (Dok. "STF 1" - *a fol.* 312 *et seq.*) redatt fil-konfront tal-appellant allura imputat mill-Uffiċjal tal-*Probation* Sharlet Tabone Fabri;

- it-tul ta' żmien li ħa dan il-każ sabiex jiġi konkluż illum;

- il-fatt li mill-fedina penali aġġornata tal-appellant hekk kif eżebita quddiem din il-Qorti fis-seduta tal-5 ta' Diċembru 2023 jirriżulta li l-aħħar darba li l-appellant kiser difrejgħ mal-liġi kien fid-9 ta' Ġunju 2015;

- il-fatt li l-Ewwel Qorti sabet ħtija fir-rigward tal-addebitu tar-reċidiva u fid-*decide* tagħha għamlet riferenza, fost l-oħrajn, għal Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi meħud in konsiderazzjoni dan t'hawn fuq, inkluż iċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ u l-fatt li l-*parte civile* għażlet li tirrinunzja għall-azzjoni kriminali fil-konfront tal-appellant allura imputat, din il-Qorti hija tal-fehma li għandha tilqa' l-appell imressaq mill-appellant pero' mhux għar-raġunijiet imsemmija minnu fir-Rikors tal-appell tiegħu u b'hekk ser tikkundanna lill-appellant għall-piena komplessiva ta' erbatax (14)-il xahar priġunerija liema piena tqarreb ħafna lejn il-minimum milli lejn il-massimu. Dwar il-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti tqies li ma għandhiex tibqa' fis-seħħ fir-rigward tal-*parte civile OMISSIS* u dana minħabba dak li ngħad f'din is-sentenza b'dan illi hija għandha tibqa' fis-seħħ fil-konfront ta' ommha *OMISSIS*.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' l-appell imressaq mill-appellant *OMISSIS* fis-sens imsemmi hawn fuq u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn iddikjarat il-proċediment eżawriet fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni u fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħha;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u fejn trattat miegħu bħala reċidiv;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1) imputazzjoni u minflok tiddikjarah mhux ħati tagħha u b'hekk tilliberah minn kull ħtija u piena fir-rigward tagħha;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat erba' (4) snin priġunerija u minflok tikkundannah erbatax (14)-il xahar priġunerija;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn b'applikazzjoni ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta kkundannat lill-appellant sabiex sa żmien xahar minn meta jiġi hekk mitlub bil-miktub mir-Reġistratur tal-Qorti jħallas lill-istess Reġistratur tal-Qorti s-somma ta' elf, tmien mija u tlieta u tmenin Euro u sebgħin ċenteżmu (€1,883.70);

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn b'applikazzjoni ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ordnat l-ħruġ ta' Ordni ta' Protezzjoni għall-perjodu ta' sentejn (2) snin minn dakinhar li ngħatat is-sentenza fir-rigward tal-*parte civile OMISSIS* u żżomm ferm l-Ordni ta' Protezzjoni għaż-żmien imsemmi fil-konfront ta' *OMISSIS* liema żmien għandu jibda għaddej millum;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fir-rigward ta' Kapitolu 518 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ordnat lir-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali sabiex l-appellant jitniżżel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Kapitolu u għal dan il-għan din il-Qorti qed tordna li kopja ta' din is-sentenza tiġi komunikata lill-imsemmi Reġistratur mingħajr dewmien.

Fl-aħħar nett, sabiex tiġi protetta l-identita' tal-persuni konċernati u dana minħabba li l-*parte civile* u l-appellant għandhom l-ulied, il-Qorti qed tordna d-divjet tal-publikazzjoni ta' isem il-*parte civile,* il-familjari tagħha u l-appellant fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |